# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 1/26/F

**Valerie Anne Martin**

**vs**

**CB Keys & Diagnostics**

Illum, 23 ta' Frar 2026

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar is-7 ta' Jannar 2026;

Ra li minkejja li l-azjenda ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u l-Avviż tas-seduta f'idejn 'Charlton Bonello, ID No. 488386M', naqset milli tippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tad-9 ta' Frar 2026;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħha, ir-Rikorrenti qed titlob li l-azjenda intimata tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' seba mija u ħamsin Euro (€750) rappreżentanti rimborż tas-somma ta' erba mija u ħamsin Euro (€450) li hija kellha tħallas lill-azjenda intimata sabiex tirtira l-vettura tagħha kif ukoll, is-somma ta' tlett mitt Euro (€300) bħala danni minħabba li s-servizz li hija talbet u ħallset ma ingħatax u di più kellha tinkorri spejjeż addizzjonali u skariġġ sabiex tieħu l-vattura tagħha għand terzi bl-irmonk sabiex tissewwa.
Illi r-rikorrent ikkonfermat it-talba tagħha bil-ġurament quddiem it-Tribunal u spjegat li hija kienet injarigat lill-azjenda intimata sabiex tagħmel xogħol ta' *key coding* fuq il-karozza tagħha, liema servizz ma ingħatax u tħalliet għal żmien twil mingħajr karozza. Ipprżentat riċevuta tal-pagement li hija għamlet lill-azjenda intimata, rapport magħmul mal-Pulizija kif ukoll fattura li turi li terzi ġew inkarigati bi spiża addizzjonali sabiex isir ix-xogħol fuq il-vettura li suppost sar mill-azjenda intimata.

Illi l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma deher għas-seduta tad-9 ta' Frar 2026 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti tagħha.

Illi bis-silenzju tagħha, l-azjenda intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament minn dan, it-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur;

Illi għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tiegħu, it-Tribunal iqis li t-talba għal rimborż ta' erba mitt Euro (€450) magħmula mir-Rikorrent kif sostnuta mill-ispjegazzjoni tagħha u r-riċevuta hija ġustifikata. Rigward it-talba għad-danni, wara li ra l-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta u qies sewwa l-fatt tal-każ, it-Tribunal ser jillikwida ukoll is-somma ulterjuri ta' mitejn

Euro (€200) bħala danni morali favur ir-Rikorrenti tenut kont l-inkonvenjenza kkawżata lilha minħabba l-komportament tal-azjenda intimata.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha *in parte* u jikkundanna lill-azjenda intimata tħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' sitt mija u ħamsin Euro (€650).**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***